**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT**
**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Sentenza**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Isaac Grima**

**Konflitt fil-provi – ħsara volontarja**
**Art. 325(1)(ċ) u 339(1)(e) tal-Kap 9**

12 ta' Mejju 2017

Il-Qorti

Rat l-akkuża dedotta kontra Isaac Grima ta' 42 sena, [...] ID 463573M talli:

Nhar fis-6 ta' Novembru 2016 għal ħabta ta' 03.30hrs ġewwa Triq l-Imdina, Ħal-Qormi:

1. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara fuq vettura Nru. CBL606 jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal €245.12;

2. u aktar talli inġurja u hedded lil Ivan Camilleri.

Rat Artikoli 325(1)(ċ) u 339(1e) tal-Kap 9;

Qrat l-affidavits esibiti u semgħet id-depożizzjonijiet viva voce tal-allegat vittma Ivan Camilleri, ta' Abraham Grima li jiġi ħu l-imputat, kif ukoll l-istess imputat;

Rat id-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat

Illi hu paċifiku bejn il-partijiet li dakinhar tal-inċident, waqt li l-imputat flimkien ma' Abraham Grima u persuna oħra kien qiegħed jagħmel xogħol ta' mmarkar ta' sinjali tat-traffiku biż-żebgħa, Ivan Camilleri li kien qiegħed isuq vann għaffeġ xi żebgħa friska; l-imputat għamillu s-sinjal biex jieqaf u hekk għamel Ivan Camilleri, li niżel mill-vann tiegħu filwaqt li l-imputat ħa ritratti tal-vann mill-ġemb u minn quddiem waqt li l-vann kien wieqaf bil-bieba miftuħa. Fl-istess ħin Abraham Grima niżel minn fuq il-magna taż-żebgħa, bi spanner f'idu.

Illi l-imputat allega mal-pulizija li f'dan il-mument Ivan Camilleri saq għal fuqu u biex jiskansah **ħabat idejh mal-windscreen li xxaqqaq**. Ivan Camilleri qal lill-puliżija li kif reġa' daħal fil-vann u kien se jsuq mar l-imputat ta' daqqiet b'idejh t-tnejn magħluqin bil-ponn u xaqqaq il-windscreen. Camilleri reġa' niżel mill-vann; dak il-ħin tfaċċa Abraham Grima bi spanner f'idu; Ivan beża u saq minn fuq il-post. Irrepeta din il-verżjoni viva voce quddiem il-Qorti.

Abraham Grima qal lill-Qorti li Ivan Camilleri daħal fil-vann, saq għal fuq l-imputat, għajjtulu biex jieqaf; tella' l-ħandbrake, fetaħ il-bieba bil-herra bħal donnu sejjer iħebb għalihom, it-tlieta min-nies li kienu qed jaħdmu u cjoe` l-imputat, l-istess xhud Abraham, u persuna oħra. Kien malli ra hekk li Abraham qabad li spanner. Ivan Camilleri qalulu li se jċemplu lill-pulizija u telaq minn fuq il-post. Sa dan il-punt fir-rakkont tiegħu, Abraham ma semmiex li Ivan Camilleri laqat lill-imputat u lanqas semma li nkiser il-windscreen. Mistoqsi mill-ispettur prosekutur dwar kif inkiser , wieġeb hekk: "Għax hu saq fuqu **naħseb** li mar **jiggrippja** miegħu xi ħaġa…" (emfasi miżjuda mill-Qorti). Mistoqsi ix-xhud żied li l-imputat ma mar għand ebda tabib wara d-daqqa bil-vann; ghorok idejh u l-mobile intfielu għalkemm xorta ħa r-ritratti tal-vann bih. Imbagħad meta l-ispettur prosekutur issuġġerixxa lix-xhud li l-imputat kisser il-windscreen bil-ponn, wieġeb hekk:

"Nassumi li kissirlu bil-ponn, bil-ponn isuq għal fuqek ħames piedi, lanqas tkun għadek tlaqt il-mobile minn idejk ikun qala' gas down għal fuqek".

L-imputat xehed li x'ħin kien jiġbidlu r-ritratti Ivan Camilleri saq għal fuqu. "Bid-daqqa l-mobile intfieli.. litteralment qabadni hekk **ħa niggripja ma' fuq**. Li kieku dan ma waqafx kien ikaxkarni."

Illi mill-provi prodotti jidher li verament hemm konflitt fil-provi bejn il-verżjoni tal-parti ċivili u dik tal-imputat u ħuh. B'danakollu, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali in re: **Il-Pulizija vs Joseph Thorn** [9.7.2003], mhux kull konflitt fil-provi jwassal awtomatikament ghall-liberazzjoni tal-akkuzat, imma l-Qorti trid tifli d-deposizzjonijiet u tara lil min taghti kredibilita` skond il-principji li jissemmew fl-artikolu 637 tal- Kodici Kriminali, anke bl-għajnuna ta' provi indiretti u r-*res gestae.*

Illi Ivan Camilleri kien konsistenti kemm fil-verżjoni tiegħu lill-pulizija kif ukoll meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti. Ir-rakkont tiegħu huwa wkoll verosimili. Min-naħa l-oħra, il-verżjoni tal-imputat u ta' ħuħ xejn m'hi kredibbli: il-Qorti diffiċli

tifhem kif il-windscreen inkiser sempliċiment għax l-imputat ipprova "jiggrippja" jew jaqbad mal-parti ta' fuq - mhux speċifikata liema parti – tal-vann ta' Ivan Camilleri. Interessanti li *a tempo vergine* l-imputat ma qalx li pprova jaqbad mal-vann, imma **li jiskansah** u ħabat idejh miegħu. Min-naħa l-oħra ħuħ Abraham li kien preżenti waqt l-inċident u semma bosta dettalji, l-ewwel ma semma xejn fuq xi kuntatt bejn il-vann u l-imputat; imbagħad qal li **jaħseb** li "iggrippjaħ". Mhux verosimili lanqas li minkejja li allegatament kellu l-mobile f'idu, dan ma ġralu xejn minkejja d-daqqa li suppost laqqat mal-vann. Wisq inqas huwa verosimili li Ivan Camilleri fetaħ il-bieba tal-vann sabiex jattakka lil tlieta min-nies meta dan kien waħdu. Dan speċjalment billi l-Qorti kellha l-opportunita` li tara lil Ivan Camilleri jixhed, u kkonstatat li la hu bniedem ta' xi statura robusta u lanqas bniedem ta' xi disposizzjoni vjolenti. Huwa ferm iktar verosimili li huwa ħarab bil-vann meta lemaħ lil Abraham javviċinah bl-ispanner f'idu.

Illi l-kwantum tal-ħsara ġie ppruvat mill-prosekuzzjoni u ma ġiex ikkontestat mid-difiża.

Illi ma jirriżultax li l-imputat hedded jew inġurja lil Ivan Camilleri.

Għall-motivi premessi, il-Qorti qiegħedha tillibera lill-imputat mit-tieni akkuża, issibu ħatu tal-ewwel waħda iżda b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta in vista, tal-karattru tal-imputat, taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn l-imputat irrejaġixa sin pure b'mod xejn ċivili aktarx billi kien maħsud bl-inġerenza tal-vann fil-post magħluq għat-traffiku u fejn kien qiegħed jaħdem bil-lejl, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor bi żmien sena millum.

Ai termini tal-artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 il-Qorti qiegħdha tordna lill-ħati li jħallas lill-vittma Ivan Camilleri fi żmien tlett xhur millum is-somma ta' €246.12 ammont ta' ħsarat li kkawżalu.

Il-Qorti qiegħdha tordna wkoll lill-imputat sabiex ma jkellimx, ma jimmolestax u ma jinġurjax lil Ivan Camilleri għal perjodu ta' sena millum, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, taħt penali ta' €1,000 fil-każ li jiser l-ordni.

Ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti spjegat bi kliem ċar u sempliċi lill-imputat il-porata ta' din is-sentenza.

Onor. Maġ. Grazio Mercieca